# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002

Citazzjoni numru 2633/00 AJM

Kawza numru 5

Direttur Generali tal-Qrati

Vs

Pinu Axiaq

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-18 ta’ Dicembru 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi permezz ta’ decizjoni ta’ l-20 ta’ Gunju 2000 fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qrati (Rikors numru 463/97) it-Tribunal ghall-investigazzjoni tal-Ingustizzji ddecida dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut Pinu Axiaq billi wara li sab l-ilment gustifikat, irrakomanda “li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf lira (LM1,000)”; illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija *ultra vires* il-poteri tieghu taht l-Att VIII ta’ l-1987 u marret oltre il-kompetenza tat-Tribunal u ma segwitx il-proceduri rikjesti mil-ligi u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. filwaqt li d-decizjoni ticcita unikament l-artikolu 5 tal-Att rigwardanti l-perjodu relattiv li fih issucediet l-allegata ingustizzja

ma taghmel ebda referenza ghall-artikolu 6 ta' l-Att, li, fil-fehma ta' l-attur, jeskludi l-kompetenza tat-Tribunal f'dan il-kaz;

2. id-decizjoni ticcita l-ilment tal-konvenut fir-rikors tieghu, fis-sens li fil-perjodu relattiv, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u Marzu 1989, huwa "sofra ingustizzja meta kien qed jaghmel xoghol ta' Marixxal tal-Qorti minghajr ma dan kien kommensurat fil-hlas ta' salarju ekwivalenti ghal dan il-post";

3. illi l-artikolu 6 abbinat ma l-artikolu 2, ma jirrigwardjax ilment dwar hlas ta' salarju. Fir-rigward ta' ufficjali pubblici l-artikolu 6 jsejjes il-kompetenza tat-Tribunal fuq "hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici", "b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita";

4. illi inoltre d-decizjoni ma segwitx il-proceduri rikjesti mill-ligi peress illi ma rreferitx ghall-artikolu 7 ta' l-Att;

5. f'parti tad-decizjoni it-Tribunal jghid illi: "il-Ministru ta' dak iz-zmien qatt ma hareg appointments lil hadd." U ftit wara illi "mhux sewwa li persuna ddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ...." Ir-ragunament tat-Tribunal jidher li huwa illi t-Tribunal kien jkun dispost jrrakkomanda promozzjoni hlief ghall-fatt illi l-konvenut kien lahaq irtira mix-xoghol qabel, cioe f'Marzu 1989, u illi ghalhekk it-Tribunal irrakkomanda kumpens ta' elf lira (LM1,000); tant illi d-decizjoni tiddistingwi bejn "promozzjoni jew kumpens";

6. illi skond l-Artikolu 7(9)(b), it-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti decizjoni dwar jekk l-ilment huwiex gustifikat biss wara li "jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew ommissjoni li fuqu ikun hemm imsejjes l-ilment";

7. l-Artikolu 7(9)(c) ikompli jghid illi r-rakkomandazzjoni ghall-kumpens kellha ssir "b'gharfien tal-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet ta' l-Estacode li jkunu fis-sehh fid-data tar-rakkomandazzjoni";
8. d-decizjoni mpunjata mkien ma turi li sar tali ezercizzju ghax fi kwalunkwe kaz kien jirrizulta illi l-poter li tinghata promozzjoni mhux vestit fl-attur jew fil-Ministru imma fil-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. Isegwi ghalhekk illi peress illi l-attur makellux poter jaghti promozzjoni l-ebda kumpens mhu dovut minnu lill-konvenut.

Ghaldaqstant talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ta' l-20 ta' Gunju, 2000 fl-ismijiet "Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qrati (Rikors numru 463/97) hija *ultra vires* il-poteri ta' l-istess Tribunal billi tivvjola d-disposizzjonijiet ta' l-Att numru VIII ta' l-1997, kif fuq spjegat, dwaril-kompetenza tat-Tribunal u l-procedura li kellha tkun osservata mit-Tribunal, u
2. thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal imsemmi in kwantu ezorbitat mill-poteri tat-Tribunal u mill-proceduri stabbiliti taht Att numru VIII ta' l-1997.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-12 ta' Frar 2001 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni tal-impunjattiva tad-decizjoni moghtija hi fiergha u vessatorja u jidher li saret biss in kwantu l-Att VIII tal-1997 ma jipprovdiex ghad-dritt ta’ l-appell u lanqas li jigi krejat xi tribunal gdid.
2. F’kull kaz id-decizjoni ma nghatatx *ultra vires* il-poteri vestiti fit-Tribunal adit, u zgur li fis-setgha rakkomandatarja tieghu t-Tribunal ma vvjola l-ebda norma jew disposizzjoni tal-Att.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza ta’ l-1 ta’ Marzu 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghall-udjenza tas-16 ta’ Marzu 2001.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Gunju 2001 meta l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi ohra xi jressqu dwar l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk dak inhar giet trattata din l-eccezzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq dan l-incident.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jsostni li din l-azzjoni ta' impunjattiva hi fiergha u vessatorja u jidher li saret biss in kwantu l-Att VIII tal-1997 ma jipprovdiex ghad-dritt ta' Appell, u lanqas li jigi kreat xi tribunal gdid.

Fil-verita' wara li din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-konvenut, jidhrilha li din l-eccezzjoni hija intimament marbuta mat-tieni eccezzjoni moghtija mill-konvenut u cioe dik fil-mertu, fejn qed jinghad li d-decizjoni ma nghatatx 'ultra vires' il-poteri vestiti fit-Tribunal. Infatti l-istess difensur tal-konvenut donnu jirrikonoxxi dan l-allacament meta fil-bidu tas-sottomissjoni orali tieghu jghid espressament hekk: "*Hawn qed nghid illi fil-kaz in dizamina, l-impunjattiva tad-decizjoni tat-Tribunal m'hijiex konsentita, u m'hijiex konsentita ghaliex it-Tribunal bl-ebda mod ma agixxa 'ultra vires' il-ligijiet."*

Ghalhekk tenut kont tar-ragunijiet imressqa mill-attur in sostenn tat-talba tieghu ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tad-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, fejn l-bazi principali tal-ilment hija marbuta mal-poteri tal-istess Tribunal, u tenut kont ukoll li dawn l-ilmenti la ghadhom gew investigati u wisq inqas ittrattati, huwa prematur li din il-Qorti tiddikara ruhha fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi l-vessatorjeta' ta' azzjoni tiddipendi necessarjament fuq l-investigazzjoni tal-mertu u xejn aktar.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tastjeni li f'dan li stadju tippronunzja ruhha fuq din l-eccezzjoni u tordna lill-partijiet jghaddu ghall-ezami tal-mertu.

Sejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri